**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 20/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Ateri Ahmed Alfurjani**

**Illum 19 ta' Ġunju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Ateri Ahmed Alfurjani, bin Alfurjani u Barka neè Aumi, imwieled Tripli, Libja, nhar id-19 ta' Awwissu 1994, u residenti ġewwa Ħal Far Open Centre, detentur tal-karta ta' l-identità maħruġa mill-Kummissarju għar-Refuġjati numru 24740/18, talli fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2019, ġewwa l-Belt Valletta, u f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu kompliċi ma' persuna jew persuni fir-reat ta' ħruq ta' vettura ta' l-għamla Mercedes bin-Numru ta' Reġistrazzjoni "ISSUFU", billi, b'xi mod, xjentement għen jew assista lill-awtur jew l-awturi tar-reat, fl-atti li bihom id-delitt ġie pperpetrat jew ikkunsmat, u dan għad-detriment ta' Jean Paul Azzopardi u/jew persuni oħra;

Rat li waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2020, l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu[1]. Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2020[2], l-imputat mill-ġdid iddikjara li huwa mhux ħati ta' l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2020 markati Dok. "JS1" sa' Dok. "JS3" a fol. 7 sa' 13 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC626 Giancarlo Benetti mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2020[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB5" a fol. 27 sa' 39 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' PC355 Charlo Chircop mogħtija waqt is-seduta ta' l-

[1] Fol. 14 tal-proċess.
[2] Fol. 17 tal-proċess.
[3] Fol. 20 sa' 28 tal-proċess.

10 ta’ Marzu 2020[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. “CC” a fol. 49 sa’ 63 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta’ Ġunju 2020[5], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat li waqt is-seduta tas-17 ta’ Ġunju 2020[6] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-artikoli tal-Liġi fuq liema tibbaza l-akkuża fil-konfront ta’ l-imputat huma l-Artikolu 42(d) u l-Artikolu 317(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Rat li l-imputat, wara li l-Qorti spjegatlu l-import ta’ l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u ta’ l-Artikoli tal-Liġi fuq liema hija bbażata tali akkuża u mill-ġdid staqsietu x’jwieġeb għall-akkuża hekk dedotta kontirh, tenna l-ammissjoni ta’ ħtija għall-akkuża hekk dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta’ Novembru 2019, ġewwa l-Belt Valletta, u f’dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu kompliċi ma’ persuna jew persuni fir-reat ta’ ħruq ta’ vettura ta’ l-għamla Mercedes bin-Numru ta’ Reġistrazzjoni “ISSUFU”, billi, b’xi mod, xjentement għen jew assista lill-awtur jew l-awturi tar-reat, fl-atti li bihom id-delitt ġie pperpetrat jew ikkunsmat, u dan għad-detriment ta’ Jean Paul Azzopardi u/jew persuni oħra. Mill-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Ġunju 2020 jirriżulta li l-Prosekuzzjoni qed tibbaża l-każ tagħha fil-konfront ta’ l-imputat fuq l-Artikoli 42(d) u 317(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Għalkemm fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2020 l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta’ l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu, liema dikjarazzjoni ġiet imtennija minnu waqt is-seduta tat-30 ta’ Jannar 2020, waqt is-seduta tat-3 ta’ Ġunju 2020, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u waqt is-seduta ta’ 17 ta’ Ġunju 2020, wara li l-Qorti spjegatlu l-import ta’ l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u ta’ l-Artikoli tal-Liġi fuq liema hija bbażata tali akkuża u mill-ġdid staqsietu x’jwieġeb għall-akkuża hekk dedotta kontirh, l-imputat tenna l-ammissjoni ta’ ħtija għall-akkuża hekk dedotta fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta’ tali ammissjoni, il-Qorti tqis li għandha ssib lill-imputat ħati ta’ l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu.

Apparte mill-ammissjoni ta’ l-imputat, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li mill-provi li l-Prosekuzzjoni laħqet ressqet sa’ meta l-imputat irreġistra l-ammissjoni għall-akkuża dedotta kontrih, partikolarment mix-xhieda ta’ PC626 Giancarlo Benetti[7] u ta’ PC355 Charlo Chircop[8], l-involviment ta’ l-imputat f’dan il-każ u fir-reat li qed jiġi akkużat bih tirriżulta b’mod ċar.

[4] Fol. 44 sa’ 48 tal-proċess.
[5] Fol. 66 tal-proċess.
[6] Fol. 67 u 68 tal-proċess.
[7] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2020 u dokumenti esebiti, fol. 20 sa’ 39 tal-proċess.
[8] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Marzu 2020 u dokumenti esebiti, fol. 44 sa’ 63 tal-proċess.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li qed tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reat addebitat lill-imputat u minnu ammess, tqis ukoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta[9] u li ammetta għall-akkuża dedotta kontrih fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 42(d) u 317(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputati ħati ta' l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal tlett (3) snin priġunerija effettiva.

Ai termini ta 'l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, il-Qorti tinforma lill-imputat bid-dritt tiegħu li jingħata kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhem, iżda l-imputat jiddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li ngħatatlu ta' din is-sentenza waqt il-qari ta 'l-istess sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mill-Liġi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[9] Dok. "JS1" a fol. 7 tal-proċess.